IL-BIRGU

Citta' Vittoriosa

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

## Is-Sebgha Legislatura

## Laqgħa Numru 33

3 ta` Lulju 2017

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fis-sitta neqsin ghaxra ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Lawrence Attard – Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier

**ASSENTI B`APOLOĠIJA**

Is-Sur Trevor Mizzi – Viċi Sindku

**ASSENTI**

Is-Sur Eman Zerafa - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u  ppresjeda l-laqgħa.

## 33.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Segretarju Ezekuttiv prezentat l-ittra ta` apologija tas-Sur Trevor Mizzi u din giet milqugha bi qbil unanimu minn dawk prezenti.

## 33.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat il-Minuti tal-Laqgha Numru 32(07) fejn gew approvati bi qbil unanimu.

**Punti Mqajjma mill-Minuti**

33.2.1 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill beda jahdem fuq ir-rapport li sar dwar ir-Risk Assessment biex jigu mplimentati. *(Minuti 32(07) 32.2.2)*

33.2.2 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-spejjez li gew minfuqa sa` issa gew imhallsin kollha mid-donazzjonijiet. Zied jghid li ser jigi mghoddi dawl ta` fuq kollhu kif sippost u l-ispejjez taghhom ser jigu mhallsa mill-istess donazzjonijiet. *(Minuti 32(07) 32.5)*

33.2.3 Is-Sindku ssugeriexa li ghandna tintbghat ittra lis-Segretarju Parlamentari l-Onorevoli Chris Agius dwar il-progett li kellhu jsir tal-Glaziz u dan sabiex jinbeda l-process biex issir. *(Minuti 32(07) 32.7.2)*

33.2.4 Wara diskussjoni li saret, kien hemm qbil li l-Kunsill ghandu jcempel lill-Jesmond Xuereb mill-FTZ sabiex issir qbil dwar il-flus tal-progett Seatoland *(Minuti 32 (07) 32.7.7)*

33.2.5 Wara li l-Kunsill kellu diversi tahdidiet mas-Sinjura Mc Namara dwar il-possibilta li l-ex skola sekondarja Lorenzo Gafa ssir dar tal-anzjani, is-Sinjura Mc Namara baghqet bl-istess opinjoni li din l-iskola qed tintuza. Il-Kunsill qabbel li jsir meeting mall-Onorevoli Evarist Bartolo dwar din il-materja. *(Minuti 32(07) 33.7.5)*

33.2.6 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li minn dawn il-UIF Funds ser jinxtraw il-bankijiet ta` Couvre Porte u ta` fejn il-Muzew Marittimu. Il-Perit diga ha dokumenti kollha neccesarji sabiex ikun jista` jimla l-applikazzjoni. *(Minuti 32(07) 33.7.10)*

33.2.7 Is-Sur John Boxall informa lil dawk prezenti li nhar l-Erbgha 5 ta` Lulju ser ssir laqgha mar-rapprezentanti ta` Alf Mizzi & Sons flimkien mall-kumpanija tal-lifts li ssugerew Alf Mizzi & Sons stess u dan sabiex jaraw xoghol jrid issir fuq il-post stess. (Minuti 32(07) 32.7.12)

33.2.8 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li kellu laqgha mac-Chairman tal-Mepa flimkien mall-perit Claude Busuttil dwar l-applikazzjonijiet pendenti li ghandhu l-Kunsill. Dwar l-

applikazzjoni ta` zewg munumenti rega` hemm ogezzjoni minn naha tas-Supretendenza, ghalhekk ser ikun ferm difficli biex issiru fil-Foss. *(Minuti 32(07) 32.7.14)*

## 33.3 Birgufest 2017

Ser tigi ffissata laqgha mas-Sur Andrew Agius Muscat sabiex jigu kkonfermati l-bands li ser jiehdu sehem fil-Birgufest 2017.

## 33.4 Jum il-Birgu 2017

Peress li kien hemm zewg kunsilliera li ma kienux prezenti, ma giex diskuss dan is-suggett.

## 33.5 Prezentazzjoni ta` trofew il-gdid ta` Gieh il-Birgu

Wara diskussjoni li saret gie deciz li l-prezentazzjoni ta` trofew ta` Gieh il-Birgu ssir dakinhar stess tac-cerimonja ta` Jum il-Birgu. Dwar dan is-Sindku ser ikellem lill-artist.

## 33.6 Korrispondenza

### <u>33.6.1 Kwotazzjoni tal-Basic First Aid ghall-haddiema tal-Kunsill.</u>

Migbura l-kwotazzjonijiet ghall-kors tal-Basic First Aid ghall-haddiema tal-Kunsill. Il-Kunsill qabbel li ghandha tintaghzel l-irhas kwotazzjoni u jattendu zewg impjegati tal-Kunsill.

### <u>33.6.2 L-istage tal-linja fi Pjazza Vittoriosa.</u>

Mibughta ittra ta` ringrazzjament mis-Socjeta Storiko Kulturali Vittoriosa dwar l-istage tal-linja fi Pjazza Vittoriosa li tnehha minn quddiem il-munument tal-Vitorja. Ghal darbohra saret talba sabiex ic-centru tal-pjazza ma jibqax iservi aktar ta` parkegg.

### <u>33.6.3 Mibughta ittra lill-Ministru tal-Edukazzjoni dwar l-attivita tal-Birgufest 2017.</u>

Mibughta ittra lill-Ministrtu tal-Edukazzjoni lil-Onorevoli Evarist Bartolo dwar l-attivita li titella ghat-tfal tal-iskola l-Gimgha filghodu relatata mall-attivita tal-Birgufest. Il-Kunsill talab sabiex minn naha tal-Minsiteru tintbghat ittra lill-iskejjel kollha dwar din l-attivita.

**Progett tal-Unjoni Ewropeja bl-isem CHIP IN.**

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ircieva stedina mill-Assoccjazzjoni ALDA sabiex jinghaqad fi progett bl-isem CHIP IN *(to promote the effective exercise of free movement rights of EU mobile citezens living elsewhere in Europe)*

**Gabbani tal-festa matul il-loghob ta` nar fil-festa ta` San Lawrenz.**

Mibghuta ittra mill-Ghaqda Piroteknika 10 t`Awwissu dwar il-possibilita li tinkera z-zona tat-Toqba mill-Kunsill fid-9 ta` Awwissu billi jhallsu permess u l-istess ghaqda mbghad igib il-gabbani hi stess sabiex tkun tista` taffi mill-ispejjez li ghandhom sabiex joholqu dan l-ispettaklu tan-nar.

**Ir-Residenza tal-Kappillani tal-Ordni.**

Mibughta ittra mis-Socjeta Storiko Kulturali Vittoriosa dwar il-lapida li kien hemm fir-residenza tal-Kappillani tal-Ordni u dan sabiex il-Kunsill jaghmel plakka provizorja. Ghal din l-ittra l-Kunsill ghamel kuntatt mall-Spettur tal-ghassa ta` Haz-Zabbar biex jinfurmah bil-kaz sabiex din il-lapida terga` tigi ghand il-Kunsill. Il-Kunsill Lokali tal-Birgu bghat korrispondenza lill-istess Socjeta bit-taghrif u bl-azzjoni li l-Kunsill ha sa issa.

**Bye Law dwar dwar attivitajiet fuq barra bhal tisjir (barbeques)**

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu talab lill-Kunsill tan-Naxxar sabiex jigi mghoddi lilu l-bye law li saret dwar attivitajiet fuq barra fil-lokalita tieghu bhal tisjir fuq barra.

**Europe for Citizens Programme.**

Ser jinfethu l-applikazzjonijiet sabiex il-Kunsilli jkunu jisghtu japplikaw ghall-progetti li jaghqu taht il-Europe for Citizens Programme bhal town twinning jew networks of towns. Dawn l-applikazzjonijiet jaghlqu fl-1 ta` Settembru 2017.

**Bust tal-Bronz ta` Dun Guzepp Caruana**

Giet approvata l-applikazzjoni tal-Mepa sabiex issir il-bust tal-bronz ta` Dun Guzepp Caruana fiz-zona ta` Couvre Porte. Il-bust gie ordnat mill-funderija.

**Il-Progett ta` Triq Sally Porte, fil-Birgu**

Mibughta ittra lill-Onorevoli Ian Borg dwar il-progett li kellhu jsir sabiex titranga Triq Sally Porte (maghrufa ahjar bhala Toqba) u sabiex il-Kunsill ikujn jaf met ser jibda xoghol. Ghal din l-ittra l-Onorevoli Borg staqsa lic-Chairman tal-TM sabiex jigi nfurmat f`liema livell ta` commitment waslet din l-imsemmija triq.

**Kiosk fil-festa ta` San Lawrenz.**

Mibughta korrispondenza mis-Sur Christian Raggio dwar dawk il-postijiet fejn jisghtu u ma jistghux jarmaw il-kiosk fil-festa ta` San Lawrenz u dan sabiex ma jafetwax l-armar tal-festa.

**Gemellagg mall-belt ta` Vignanello, Italja**

Mibughta korrispondenza minghand residenta Maltija li toghqod f`dan il-post sabiex tintaqa` mas-Sindku hekk kif ser tkun Malta matul dawn il-jiem u dan sabiex jibda l-process ta` dan il-gemellagg. Is-Sinjura Abela ser tkun qed tirraprezenta l-Kunsill ta` Vignanello.

**Inguardia fil-Birgu fil-Birgufest 2017**

Mibughta korrispondenza lill-Onorevoli Konrad Mizzi, Ministru ta` Turizmu sabiex il-Hadd tal-Birgufest, l-inguardia ssir gewwa l-Birgu flok f`Forti Sant Iermu.

**Laqgha mad-Direttur tal-Gvern Lokali dwar Zbilanc Finanzjarju tal-Kunsill ghas-sena 2016**

Nhar it-Tlieta 25 ta` Lulju 2017 ser ssir laqgha mad-Direttur tal-Gvern Lokali dwar zbilanc finanzjarju tal-Kunsill ghas-sena 2016.

**Il-Progett The Knights Route**

Il-Progett The Knights Route gie sottomess il-gimgha l-ohra u ghalhekk issa l-Kunsill qieghed jistenna rizultat. Fost il-partecipanti li qeghdin f`dan il-progett hemm il-Kunsill Lokali tal-Belt, il-Kunsill Lokali ta` Rodi, Il-Kunsill Lokali ta` Scala fost ohrajn.

## 33.7 Komunikazzjoni mis-Sindku

33.7.1 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill gie avvicinat sabiex issir esebizzjoni ta` gojelli f`wahda mill-binjiet tal-Kunsill. Il-Kunsill qabbel li ssir din l-esebizzjoni.

33.7.2 Is-Sindku ssugerriexa li ssir l-applikazzjoni tas-sactioning dwar il-garaxx tal-Hawli sabiex b`hekk jigi kollox kif stipulat mill-ligi. Gie ssuggeriet li nghaddu kollox lill-perit.

33.7.3 Is-Sur John Boxall ssugerriexa li jintalab li jsir rikors il-MEPA dwar il-munument ta` La Vallette u dan wara li nghata parir minghand ic-Chairman tal-MEPA. Is-Sur Gellel qal li l-munument ghandu jsir f`nofs il-bitha ta` Couvre Porte u ma jsirx fuq iz-ziemel u dan jghin biex jihargu l-permessi mehtiega.

33.7.4 Is-Sindku ssuggeriexa li ghandna tintbghat korrispondenza lis-Segretarju Parlamentari, l-Onorevoli Silvio Parnis u lis-Segretarju Parlamentari l-Onorevoli Clint Camilleri dwar x`se jigri fuq il-kwistjoni tal-hamiem u dan ghal fatt li nies qed jistaqsu.

## 33.8 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

33.8.1 Is-Sur Anton Gellel ssugerriexa li ghandha terga` titwahhal il-board li kien hemm il-mappa tal-Birgu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu li terga` titwahhal u tinbidel il-mappa peress li din sfaret bix-xemx.

## 33.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Is- Sindku, is-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti li tkopri c-cekkijiet bin-numri, BOV 3561 – 3615, fejn cekk numru BOV 3570 - 3572 u BOV 3574 gew kkancellati, u HSBC cekk bin-numru 9642.Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-Iskeda ta' Pagamenti ddatata 15 ta` Gunju 2017 sal-3 ta` Lulju, 2017.

## 33.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fit-tmienja u ghoxrin ta` filghaxija (8:00pm)u ġiet aġġornata l- laqgha Nru 34 ghall-Hamis 27 ta` Lulju 2017 fil-hamsa u nofs ta` filghaxija (5:30pm)

Konfermati 27 ta` Lulju 2017

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall<br>Sindku | Lara Mascena<br>Segretarju Eżekuttiv |